**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum 25 ta' April, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**vs.**

**Semeraro Domenico**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni – kif korretta b'digriet tal-lum stess - migjuba kontra:

Semeraro Domenico, possesur tal-Karta tal-Identita Taljana bin-numru AV6148637

Akkuzat:

Talli nhar it-24 ta' April 2016 ghal habta tal- 12:50pm gewwa l-MIA:-

1. kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Kap 9 Art 338 dd)
2. ħebb kontra Gaspare Davi u Antoinette Caruana inkarigati mis-servizz tas-sigurta gewwa MIA, sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara (Kap 9 Art 339d )

3. hedded jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b’mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni lill Gaspare Davi u Antoinette Caruana inkarigati mis-servizz tas-sigurta gewwa MIA (Kap 9 Art 339e )

U wkoll fil-gurnata u zminijiet ta’ qabel

4. Ma kellux ebda xorta ta’ beni, u ma kellux mezzi oħra biex jgħix, ma ppruvax li hu fittex dejjem li jaħdem xi arti jew sengħa jew li jagħmel xi ħaġa (Kap 9 Art 338i )
5. f’xi post pubbliku immolesta n-nies biex jitlob il-karità (Kap 9 Art 338x )
6. igħix ħajja ta’ għażż u ta’ vagabundaġġ (Kap 9 Art 338w )

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

F’din il-kawza, il-Prosekuzzjoni resqet bhala xhieda lil Gaspare Davi u Antoinette Caruana biss.

Fix-xhieda taghhom Gaspare Davi u Antoinette Caruana ddikjaraw li riedu jahfru lill-imputat ghall-agir tieghu fil-konfront taghhom, u peress li l-kontravenzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 339(1)(d) u 339(e) tal-Kodici Kriminali huma rinunzjabbli ai terminu tal-Artikolu 339(2) ghax jehtiegu l-kwerela tal-parti leza, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Rigward l-imputazzjonijiet l-ohra, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova, wisq inqas prova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u konsegwentement, din il-Qorti ma tistax issibu hati taghhom.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u qed tilliberah minnhom.

**(ft) Magistrat**

**Vera kopja**

**Deputat Registratur**